

ANNESS I

KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Oncept IL-2 lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni għal qtates

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Wara r-rikostituzzjoni, kull doża ta' ml fiha:

Sustanza Attiva :

Vajrus rikombinat tal-canarypox Feline interleukin-2 (vCP1338) $\geq 10^{6.0}$ EAID*₅₀

*Doża infettiva ELISA 50%

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni

Lijofiliżat: Pritkuna bajdanija u omoġena.

Solvent: likwidu ċar mingħajr lewn

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Qtates.

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Immunoterapija biex tintuża flimkien mal-kirurġija u radjoterapija fil-qtates li għandhom fibrosarcoma (dijametru ta' 2-5 cm) mingħajr metastasi jew effetti fuq il-*lymph nodes*, biex jitnaqqas ir-riskju li terġa toħroġ il-marda u żżid iż-żmien li tirkadi (rikorrenza lokali jew metastasi). Dan ġie muri waqt test tal-prodott matul perjodu ta' sentejn taħt il-kundizzjonijiet li fihom huwa maħsub li jiġi użat.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

L-użu tal-prodott bil-mod irrikmandat ta' ħames amministrazzjonijiet permezz ta' injezzjoni huwa importanti biex tiġi garantita l-effikaċja tal-prodott; injezzjoni f'punt wieħed tista' ma tagħtix l-istess livell ta' effikaċja. (ara sezzjoni 4.9).

L-effikaċja ġiet ittestjata biss flimkien mar-radjoterapija u l-kirurġija; dan ifisser li t-trattament irid jiġi mgħoti b' kors ta' trattament hekk kif hu spjegat fis-sezzjoni 4.9.

L-effikaċja ma ġietx ittestjata fi qtates bil-metastasi jew meta l-*lymph nodes* ikunu affettwati.

Peres li s-sigurtà u l-effikaċja tar-repetizzjoni tal-kura kontra rikorrenza tal-fibrosarcoma ma ġewx investigati, ir-rispetizzjoni tal-kura għandha tiġi studjata mill-veterinarju u l-bilanċ benefiċċju/riskju għandu jiġi kkunsidrat.

L-effikaċja ma ġietx investigata għal perjodu itwal minn sentejn wara t-tmiem tal-kura.

4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animalli

Mhux applikabbli

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animalli

Ir-rikombinanti tal-Canarypox huma magħrufa li ma jgħolqux perikli għall-bniedem. Effetti mhux mixtieqa hfiyf lokali u/jew effetti mifruxa mal-ġisem kollu jistgħu jiġu osservati, imma dawn huma iżjed marbuta mal-effett tal-injezzjoni minnha nnifisha, u huma transitorji. Barra minn hekk feline IL-2 ġie muri li għandu attività bijoloġika baxxa ħafna fuq il-lewkoċiti umani meta mqabbla ma' IL-2 fil-bnedmin

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Kien hemm b'mod komuni reazzjoni lokali moderata (wġiġħ malli tintmiss, neħħa, ħakk) fi studji dwar is-sigurtà. Ġeneralment telqet waħedha f'mhux iżjed minn ġimġha.

Kien hemm b'mod komuni apatija tranżitorja u ipertermija ('l fuq minn 39.5°C) waqt studji fuq il-post.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 animalli li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animalli f'100 animal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animalli f'1,000 animal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animalli f'10,000 animal)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f'10,000 animal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddiġ.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Taħt il-ġilda.

Wara r-rikostituzzjoni tal-lijofiliżat mas-solvent, ħawwad bil-mod u amministra ħames injezzjonijiet (kull waħda bejn wieħed u ieħor 0.2 ml) madwar il-post fejn tneħħa t-tumur: injezzjoni f'kull rokna u injezzjoni fiċ-ċentru ta' kwadru ta' 5 cm x 5 cm iċċentrat fin-nofs tal-farrett tal-operazzjoni.

Kors tal-kura: 4 għotjiet f'intervalli ta' ġimġha (jum 0, jum 7, jum 14, jum 21) segwiti minn 2 għotjiet f'intervalli ta' ġimagħtejn (jum 35, jum 49).

Ibda l-kors tal-kura fil-jum qabel it-terapija tar-radjażzjoni, preferibbilment fi żmien xahar wara t-tneħħija bil-kirurġija.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

Wara l-għotja ripetuta ta' doża eċċessiva (10 dożi), jista' jkun hemm ipertermja transitorja u moderata, kif ukoll effetti lokali (nefħa, eritemija jew uġiġħ ħafif, u f'xi każi, sħana fil-post tal-injezzjoni).

4.11 Perjodu(i) ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI

Grupp farmako-terapewtiku: Aġenti antineoplastiċi u *immunomodulating*, immunostimolanti oħra. Kodiċi ATC veterinarja QL03AX90.

L-istrejn tal-vaċċin vCP1338 huwa vajrus rikombinant tal-Canarypox li jesprimi feline interleukin-2 (IL-2). Il-vajrus jesprimi il-gene IL-2 fil-post tat-tilqima, imma ma jirreplikax ruħu fil-qattus. Oncept IL-2 injettat fit-tumour bed jagħti doża baxxa *in situ* tal-feline interleukin-2, li jstimola immunita' kontra t-tumuri waqt li jevita tossiċità assoċjata ma' kura li tingħata biex tinfirex mal-ġisem kollu. Mekkaniżmi speċifiċi li bihom l-immunostimolazzjoni tinduċi attivita' kontra t-tumuri mhumieħ magħrufa.

Fi studju kliniku qtates minn oriġini differenti bi fibrosarcoma mingħajr metastasi jew effetti fuq il-*lymph nodes* ġew maqsuma f'żewġ gruppi, wieħed li jieħu l-kura ta' kirurġija u radjoterapja u l-ieħor jieħu Oncept IL-2 flimkien mal-kirurġija u radioterapja. Il-kundizzjoni tal-qtates magħżula għal kull grupp ma kinitx magħrufa mix-xjenzjati fil-bidu tal-istudju. Wara perjodu insegwitu ta' sentejn mill-istudju, daww il-qtates li ħadu l-kura bl-Oncept IL-2 wrew żmien medju iżjed fit-tul biex jirkadu ('il fuq minn 730 jum) meta mqabbla ma' qtates ta' kontroll (287 jum). Il-kura bl-Oncept IL-2 naqqset ir-riskju ta' rikorrenza, minn 6 xhur, wara l-bidu tal-kura, b'56 % wara sena u 65 % wara sentejn.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Liofilizāt:
Sukrożju
Collagen hydrolysate
Casein hydrolysate
Sodium chloride
Disodium phosphate dihydrate
Potassium dihydrogen phosphate
Ilma għal injezzjonijiet

Solvent:
Ilma għal injezzjonijiet

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor, ħlief mas-solvent provdut għall-użu ma dan il-prodott mediċinali veterinarju .

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 2 snin.
Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju wara li jinfetaħ: Uża immedjatament wara r-rikostituzzjoni.

6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen ġo friġġ (2°C-8°C).

Ħallih fil-pakkett oriġinali biex tippoteġi mid-dawl.

Tagħmlux fil-friża.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Kunnett tal-ħġieġ tat-Tip I bit-tapp tal-butyl elastomer, issiġillat b'tapp tal-aluminju.

Kaxxa tal-kartun li fiha 6 kunjetti ta' doża waħda ta' lijofiliżat u 6 kunjetti ta' ml ta' solvent.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/13/150/001

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni; 03/05/2013

Data tal-aħħar tiġdid; 20/03/2018

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU

Mhux applikabbli.

ANNESS II

- A. MANIFATTURI TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA(I) U
MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-
PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

**A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZA BIJOLOĠIKA ATTIVA U MANIFATTUR
RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

Isem u indirizz tal-manufatturi tas-sustanza bijoloġika attiva

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
Franza

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
Franza

**B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-
UŻU**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

ANNESS III

TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kaxxa tal-kartun li fiha 6 kunjetti ta' lijofiliżat u 6 kunjetti ta' solvent

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Oncept IL-2 lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni għal qtates

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Vajrus rikombinat tal-canarypox Feline interleukin-2 (vCP1338) $\geq 10^{6.0}$ EAID*₅₀

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni

4. DAQS TAL-PAKKETT

Lijofiliżat 6 x doża
Solvent : 6 x ml

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Qtates

6. INDIKAZZJONI(JIET)

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRIZZJONI

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Għal taħt il-ġilda

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}
Ladarba jitħallat uża fil-pront.

11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ
Ippteġi mid-dawl.
Tagħmlux fil-friża.

12. PREKAWZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi; aqra l-fuljett ta' tagħrif

13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/13/150/001

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻĠĦAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT

Kunjett ta' lijoġfilizat

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Oncept IL-2

Lijoġfilizat

2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

Doża waħda

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

SC

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli

6. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS"

Għall-kura tal-annimali biss.

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻĠGAR TA' PPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT

Kunjett ta' solvent

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Solvent għal Oncept IL-2

2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

1 ml

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli

6. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

7. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS"

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF:
Oncept IL-2
Lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni għal qtates

1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
Franza

2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Oncept IL-2 lijofiliżat u solvent għal suspensjoni għal injezzjoni għal qtates

3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Wara r-rikostituzzjoni, kull doża ta' ml fiha:

Vajrus rikombinat tal-canarypox Feline interleukin-2 (vCP1338) $\geq 10^{6.0}$ EAID*₅₀

*Doża infettiva ELISA 50%

4. INDIKAZZJONI(JIET)

Immunoterapija biex tintuża flimkien mal kirurġija u radjoterapija fil-qtates li għandhom fibrosarcoma (dijametru ta' 2-5 cm) mingħajr metastasi jew effetti fuq il-*lymph nodes*, biex jitnaqqas ir-riskju li terġa toħroġ il-marda u żżid iż-żmien li tirkadi (rikorrenza lokali jew metastasi). Dan għe muri f'tul ta' perijodu ta' sentejn waqt test tal-prodott taħt il-kundizzjonijiet li fihom huwa maħsub li jiġi użat.

5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Xejn

6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Kien hemm b'mod komuni reazzjoni lokali moderata (wġiġħ malli tintmiss, nefħa, ħakk) fi studji dwar is-sigurtà. Ġeneralment telqet waħedha f'mhux iżjed minn ġimġha.

Kien hemm b'mod komuni apatija tranżitorja u ipertermija (l fuq minn 39.5°C) waqt studji fuq il-post.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f' 10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f' 10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f' 10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

Jekk tinnota xi effetti kollaterali, anke dawk mhux imsemmija diġà f'dan il-fuljett tal-pakkett jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Qtates

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Taħt il-ġilda.

Wara r-rikostituzzjoni tal-lijofiliżat mas-solvent, amministra ħames injezzjonijiet (kull waħda bejn wieħed u ieħor 0.2 ml) madwar il-post fejn tneħħa t-tumur: injezzjoni f' kull rokna u injezzjoni fiċ-ċentru ta' kwadru ta' 5 cm x 5 cm iċċentrat fin-nofs tal-farrett tal-operazzjoni.

Kors tal-kura: 4 għotjiet f'intervalli ta' ġimgħa (jum 0, jum 7, jum 14, jum 21) segwiti minn 2 għotjiet f'intervalli ta' ġimagħtejn (jum 35, jum 49).

Ibda l-kors tal-kura fil-jum qabel it-terapija tar-radjazzjoni, preferibbilment fi żmien xahar wara t-tneħħija bil-kirurġija.

9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

10. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

11. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżen u ttrasporta fil-friġġ (2 °C- 8 °C).

Ipproteġi mid-dawl.

Tagħmlux fil-friża.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara JISKADI.

Uża immedjatament wara r-rikostituzzjoni.

12. TWISSIJA (IET) SPEĊJALI

Twissijiet speċjali għal kull speċi li fuqhom għandu jintuża l-prodott:

L-użu tal-prodott bil-mod irrikmandat ta' ħames amministrazzjonijiet permezz ta' injezzjoni huwa importanti biex tiġi garantita l-effikaċja tal-prodott; injezzjoni f'punt wieħed tista' ma tagħtix l-istess livell ta' effikaċja. (ara sezzjoni 4.9)

L-effikaċja ġiet ittestjata biss flimkien mal-radjuoterapija u l-kirurġija; dan ifisser li t-trattament irid jiġi mgħoti b' kors ta' trattament hekk kif hu spjegat fis-sezzjoni 4.9

L-effikaċja ma ġietx ittestjata fi qtates bil-metastasi jew meta l-*lymph nodes* ikunu affettwati.

Peres li s-sigurtà u l-effikaċja tar-repetizzjoni tal-kura kontra rikorrenza tal-fibrosarcoma ma ġewx investigati, ir-repetizzjoni tal-kura għandha tiġi studjata mill-veterinarju u l-bilanċ benefiċċju/riskju għandu jiġi kkunsidrat.

L-effikaċja ma ġietx investigata għal perjodu itwal minn sentejn wara t-tmiem tal-kura.

Prekawzzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Ir-rikombinanti tal-Canarypox huma magħrufa li ma jgħolqux perikli għall-bniedem. Effetti mhux mixtieqa ħfief lokali u/jew effetti mifruxa mal-ġisem kollu jistgħu jiġu osservati, imma dawn huma iżjed marbuta mal-effett tal-injezzjoni minnha nnifisha, u huma transitorji. Barra minn hekk feline IL-2 ġie muri li għandu attività bijoloġika baxxa ħafna fuq il-lewkoċiti umani meta mqabbla ma' IL-2 fil-bnedmin.

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentali, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Tqala u trddiegh:

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddigħ.

Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

Wara l-ġhotja ripetuta ta' doża eċċessiva (10 dożi), jista' jkun hemm ipertermja transitorja u moderata, kif ukoll effetti lokali (nefħa, eritemija jew uġiegħ ħafif, u f'xi każi, sħana fil-post tal-injezzjoni).

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni:

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Inkompatibilitajiet:

Tħallatx ma' ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor, ħlief mas-solvent provdut għall-użu ma' dan il-prodott mediċinali veterinarju .

13. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

15. TAGĦRIF IEĦOR

L-istrej tal-vaċċin vCP1338 huwa vajrus rikombinant tal-Canarypox li jesprimi feline interleukin -2 (IL-2). Il-vajrus jesprimi il-gene IL-2 fil-post tat-tilqima, imma ma jirreplikax ruħu fil-qattus. Oncept IL-2 injettat fit-*tumour bed* jagħti doża baxxa *in situ* tal-feline interleukin-2, li jistimola immunità kontra t-tumuri waqt li jevita tossiċità assoċjata ma' kura li tingħata biex tinfirex mal-ġisem kollu.

Mekkaniżmi speċifiċi li bihom l-immunostimolazzjoni tinduċi attività kontra t-tumuri mhumieq magħrufa.

Fi studju kliniku qtates minn oriġini differenti b'fibrosarcoma mingħajr metastasi jew effetti fuq il-*lymph nodes* ġew maqsuma f'żewġ gruppi, wieħed li jieħu l-kura ta' kirurġija u radjoterapija u l-ieħor jieħu Oncept IL-2 flimkien mal-kirurġija u radjoterapija. Il-kundizzjoni tal-qtates magħżula għal kull grupp ma kinitx magħrufa mix-xjenzjati fil-bidu tal-istudju. Wara perjodu insegwitu ta' sentejn mill-istudju, daww il-qtates li hađu l-kura bl-Oncept IL-2 urew żmien medju iżjed fit-tul biex jirkadu ('il fuq minn 730 jum) meta mqabbla ma' qtates ta' kontroll (287 jum). Il-kura bl-Oncept IL-2 naqqset ir-riskju ta' rikorrenza, minn 6 xhur, wara l-bidu tal-kura, b'56% wara sena u 65% wara sentejn.

Kaxxa tal-kartun li fiha 6 kunjetti ta' doża waħda ta' lijofiliżat u 6 kunjetti ta' ml ta' solvent.